



*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Il-President*

02.12.2022

Is-Sur Salvatore De Meo
President
Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposti tal-Parlament Ewropew għall-emenda tat-Trattati
(2022/2051(INL))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Novembru 2022. Waqt dik il-laqgħa, huwa ddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Dragoş Pîslaru

SUĠĠERIMENTI

1. Sabiex l-Ewropa soċjali ssir realtà, u fid-dawl tat-tagħlimiet misluta mill-kriżijiet reċenti, fosthom il-pandemija u l-invażjoni Russa fl-Ukrajna kif ukoll l-impatt tagħhom fuq is-sistemi ekonomiċi u ta' protezzjoni soċjali/soċjali, u l-isfidi li ġejjin sabiex jiġu żgurati l-oġhla livelli ta' protezzjoni soċjali fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, jeħtieġ li niżguraw Ewropea sostenibbli, ġusta u inklużiva fejn id-drittijiet soċjali jiġu protetti u ssalvagwardjati bis-sħiħ, tal-inqas fl-istess livell bħal-libertajiet ekonomiċi, inkluż billi jiġi rivedut il-qafas ta' governanza attwali u billi ssir riflessjoni fuq it-tiġdid tal-kuntratt soċjali Ewropew. Kif enfasizzat fil-konklużjonijiet tal-gruppi ta' ħidma tal-Konferenza, hemm bżonn ta' bidla lejn mudell ta' tkabbir sostenibbli, inklużiv u reżiljenti għall-UE¹ b'attenzjoni speċjali lill-intrapriżi żgħar u medji u l-kontrolli tal-kompetittività u li jiġu promossi investimenti orjentati lejn il-futur iffukati fuq it-tranżizzjonijiet ġusti, ekoloġiċi u diġitali².

Kif diġà stabbilit friżoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament Ewropew, l-għodod għal dan il-għan għandhom jinkludu:

- l-integrazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fit-Trattati u l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu, flimkien mal-Miri ta' Porto³;

- id-dħul tal-progress soċjali fl-Artikolu 9 tat-TFUE⁴ marbut ma' Protokoll dwar il-Progress Soċjali li għandu jiġi introdott fit-Trattati⁵;

- l-adozzjoni ta' Patt ta' Żvilupp Sostenibbli u Progress Soċjali li jagħmel il-miri soċjali u ta' sostenibbiltà obligatorji bħala parti minn qafas ta' governanza għal Ewropa soċjali u sostenibbli⁶.

2. Barra minn hekk, l-UE għandha titbiegħed mill-unanimità u timxi lejn il-proċedura leġiżlattiva ordinarja sabiex issaħħaħ it-teħid ta' deċiżjonijiet u tippermetti lill-UE taġixxi f'oqsma fejn bħalissa dan qed ikun diffiċli jew impossibbli minħabba d-dispożizzjonijiet rilevanti tat-teħid ta' deċiżjonijiet tat-Trattati jew l-ambitu tat-Trattati, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kompetenza tal-Kumitat EMPL, filwaqt li tissalvagwardja u ssaħħaħ għalkollox ir-rwol tas-sħab soċjali u tinkludi klawżola ta' nonregressjoni⁷.

Kif diġà stabbilit friżoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament Ewropew, l-għodod għal dan il-għan għandhom jinkludu:

¹ Paragrafu 13, Premessa A "Is-segwitu għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa", Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Mejju 2022 dwar is-segwitu għall-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (2022/2648(RSP))

² Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar it-talba biex titlaqqa' Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati (2022/2705(RSP), paragrafu 5

³ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar Ewropa soċjali b'saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti (2020/2084(INI)), paragrafu 6

⁴ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar it-talba biex titlaqqa' Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati (2022/2705(RSP), paragrafu 5

⁵ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar Ewropa soċjali b'saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti (2020/2084(INI)), paragrafu 6

- it-tqegħid ta' aktar oqsma ta' politika soċjali taħt il-proċess ta' deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata, b'mod partikolari n-nondiskriminazzjoni, il-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema (minbarra sitwazzjonijiet transfruntiera), il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, il-protezzjoni tal-ħaddiema li l-kuntratti tal-impjieg tagħhom ġew itterminati, ir-rappreżentanza u d-difiża kollettiva tal-interessi tal-ħaddiema u tal-impjegaturi, kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-impjieg għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-UE⁶; dan jista' jinkiseb ukoll bl-użu tal-klawżoli "passerelle"⁷;

- l-involvement tal-Parlament Ewropew fid-definizzjoni tal-Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u l-Impjiegi fuq bażi ugwali mal-Kunsill⁸ sabiex jissaħħaħ il-proċess deċiżjonali demokratiku,

- l-applikazzjoni tal-metodu Komunitarju għall-proċess tas-Semestru, u li dan il-metodu jkun soġġett għal ftehim bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew⁹.

3. Sabiex jiġi żgurat li l-konverġenza soċjali 'l fuq tiġi aċċellerata, il-fondi tal-UE kif ukoll l-għodod finanzjarji żviluppatti b'rispons għall-kriżijiet reċenti għandhom jiġu allokatu u użati kif xieraq. Fi ħdan il-QFP li jmiss, għandu jinħoloq mekkaniżmu dedikat ta' rispons għall-kriżijiet, li għandu jiġi attivat f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżijiet futuri. Il-finanzjament tal-politiki soċjali u tal-impjiegi m'għandux isir għad-detriment ta' politiki oħra ta' investiment fit-tul, inkluża l-politika ta' koeżjoni, li kellhom rwol enormi fi kriżijiet reċenti.

Mingħajr ma tintilef il-perspettiva tal-ġeneru, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jkunu ta' benefiċċju għall-gruppi żvantaġġati kollha, b'mod partikolari iżda mhux limitati għal persuni b'diżabilità, migranti u minoranzi etniċi (inkluż ir-Rom), tfal u żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), persuni mingħajr dar, ġenituri waħedhom u persuni akbar fl-età.

Kif diġà stabbilit frizoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament Ewropew, l-għodod għal dan il-għan għandhom jinkludu:

- reviżjoni tal-governanza ekonomika li tiżgura li l-ġustizzja soċjali timxi id f'id mal-kompetittività ekonomika, u li l-benesseri tan-nies ikun l-oġġettiv tal-politiki ekonomiċi¹⁰;

- il-monitoraġġ tal-użu tal-fondi, inkluż is-sorveljanza demokratika mill-Parlament¹¹;

⁶ Ibid., paragrafu 6

⁷ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Frar 2019 dwar l-istat tad-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa (2018/2094(INI)), paragrafu 7

⁸ Ir-Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (COM(2022)0241 – C9-0199/2022 – 2022/0165(NLE)), paragrafu 3, ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar Ewropa soċjali b'saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti (2020/2084(INI)), paragrafu 6

⁹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar Ewropa soċjali b'saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti (2020/2084(INI)), paragrafi 6, 19

¹⁰ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar Ewropa soċjali b'saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti (2020/2084(INI)), paragrafi 6, 19

¹¹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, il-Ftehim Interistituzzjonali, l-Istrument tal-UE għall-Irkupru u r-Regolament dwar l-Istat tad-Dritt

- klawżoli ta' emerġenza u flessibilità¹²;
- l-istabbilizzazzjoni ta' livell ogħla ta' investiment tal-UE biex titrawwem konverġenza 'l fuq fil-qasam tal-politiki soċjali¹³;
- pakkett temporanju Ewropew dwar ir-reżiljenza soċjali¹⁴ li jikkoordina sett ta' miżuri u mezzi biex jissaħħu s-sistemi ta' servizzi soċjali u ta' protezzjoni soċjali fl-UE, inkluż il-kontinwazzjoni u r-rifinanzjament ta' SURE sakemm il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna jkomplu jkollhom impatt negattiv fuq is-suq tax-xogħol, u faċilità ta' salvataġġ soċjali b'aktar appoġġ pubbliku għal strumenti eżistenti mmirati lejn l-ifqar fis-soċjetà tagħna¹⁵.

(2020/2923(RSP)), paragrafu 8

¹² Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE – it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi (2022/2653(RSP)), paragrafi 34, 35

¹³ Ibid., paragrafu 12

¹⁴ Ibid., paragrafu 24

¹⁵ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE – it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi (2022/2653(RSP)), paragrafu 24